



Brussell, 11 ta' Diċembru 2017
(OR. en)

15645/17

TRANS 553

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn: Kummissjoni Ewropea

lil: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

Nru dok. Cion: D054150/01

Suġġett: DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta' XXX li temenda d-Direttiva 2008/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trasport intern ta' oġġetti perikolużi, permezz tal-adattament tat-Taqsima I.1 tal-Anness I tagħha mal-progress xjentifiku u tekniku

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument D054150/01.

Mehmuż: D054150/01



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, **XXX**
[...] (2017) **XXX** draft

DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' **XXX**

**li temenda d-Direttiva 2008/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-
trasport intern ta' oġġetti pericolosi, permezz tal-adattament tat-TaqSIMA I.1 tal-Anness
I tagħha mal-progress xjentifiku u tekniku**

DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' **XXX**

li temenda d-Direttiva 2008/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trasport intern ta' oġġetti perikolużi, permezz tal-adattament tat-Taqsima I.1 tal-Anness I tagħha mal-progress xjentifiku u tekniku

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Id-Direttiva 2008/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar it-trasport intern ta' oġġetti perikoluži¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 8(1) tagħha,

Billi:

- (1) It-Taqsima I.1 tal-Anness I tad-Direttiva 2008/68/KE tirreferi għad-dispożizzjonijiet stipulati fil-ftehim internazzjonali dwar it-trasport bit-triq ta' oġġetti perikolużi kif iddefiniti fl-Artikolu 2 ta' dik id-Direttiva.
- (2) Id-dispożizzjonijiet ta' dak il-ftehim internazzjonali jeħtieġ li jiġu aġġornati regolarmen skont l-Artikolu 14 tal-Ftehim Ewropew dwar it-trasport internazzjonali ta' oġġetti perikolużi bit-triq (ADR). L-aħħar verżjoni emendata tal-ftehim internazzjonali se tapplika b'seħħi mit-3 ta' Jannar 2018.
- (3) Jenħtieġ għalhekk li t-Taqsima I.1 tal-Anness I tad-Direttiva 2008/68/KE tiġi emendata skont dan.
- (4) Il-miżuri previsti f'din id-Direttiva huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar it-trasport ta' oġġetti perikolużi,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Id-Direttiva 2008/68/KE hija emendata kif ġej:

1. Fl-Anness I, it-Taqsima I.1 tinbidel b'dan li ġej:

“I.1 ADR

Fl-Annessi A u B tal-ADR, kif applikabbi b'effett mit-3 ta' Jannar 2018, huwa mifhum li l-frażi “parti kontraenti” hija mibdula bil-frażi “Stat Membru” kif xieraq.

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħi il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċċesarji biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard mit-3 ta' Lulju 2018. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-testi ta' dawk id-dispożizzjonijiet.

¹ ĠU L 260, 30.9.2008, p. 13.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jirreferu għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati mit-tali referenza waqt il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir it-tali referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tad-dritt nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħi fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER*